

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B**            **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1213**

**tal-21 ta' Awwissu 2020**

**dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tnehew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019**

(ĠU L 275, 24.8.2020, p. 5)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1362 tat-30 ta' Settembru 2020	L 317	5	1.10.2020
► <b><u>M2</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/419 tad-9 ta' Marzu 2021	L 83	6	10.3.2021
► <b><u>M3</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1936 tad-9 ta' Novembru 2021	L 396	27	10.11.2021
► <b><u>M4</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/490 tal-25 ta' Marzu 2022	L 100	10	28.3.2022
► <b><u>M5</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1942 tat-13 ta' Ottubru 2022	L 268	16	14.10.2022

Ikkoreġut minn:

- **C1**    Emendi, Ġ.U. L 410, 18.11.2021, p. 203 (2021/419)



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1213**

**tal-21 ta' Awwissu 2020**

**dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabilixxi l-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni minn pajjiżi terzi ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019.

*Artikolu 2*

**Miżuri għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, li joriġinaw minn pajjiżi terzi**

Il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra, li joriġinaw mill-pajjiżi terzi ta' oriġini rispettivi, kif elenkati fl-Anness, jistgħu jiġu introdotti fit-territorju tal-Unjoni biss jekk ikunu jikkonformaw mal-miżuri korrispondenti stabbiliti fih.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ M2

## ANNEX

**Lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li joriġinaw minn pajjiżi terzi, u r-rekwiżiti korrispondenti għall-introduzzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 2**

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-oriġini	Miżuri
<i>Acer japonicum</i> Thunberg, <i>Acer palmatum</i> Thunberg u <i>Acer shirasawanum</i> Koidzumi, bl-għerūq mikxufa, inattivi, ħielsa mill-weraq, imlaqqma jew imraħħma, pjanti li għandhom minn sena sa tliet snin għat-tħawwil	ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48 ex 0602 90 50	New Zealand	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-<i>Eotetranychus sexmaculatus</i>;</p> <p>(ii) tul ħajjithom il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li, flimkien mas-siti tal-produzzjoni li huma parti minnu, hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini;</p> <p>(iii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fi żminijiet xierqa sa mill-bidu taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-pjanti, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-<i>Eotetranychus sexmaculatus</i>; f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-<i>Eotetranychus sexmaculatus</i> fis-sit tal-produzzjoni, saru trattamenti xierqa biex ikun żgurat li l-pest ma jkunx preżenti; għet stabbilita żona ta' 100 m madwar is-sit, li hija soġġetta għal stħarriġiet speċifiċi fi żminijiet xierqa biex jinstab il-pest <i>Eotetranychus sexmaculatus</i> u meta nstab il-pest fuq xi pjanti ospitanti, dawk il-pjanti nqalgħu u nqerdu minnufih;</p> <p>(iv) twaqqfet sistema biex tiżgura li, qabel ma jiddaħħlu fis-sit tal-produzzjoni, l-għodod u l-makkinarju jkunu tnaddfu għalkollox mill-ħamrija u minn biċċiet tal-pjanti u ġew diżinfettati biex jinħelsu mill-<i>Eotetranychus sexmaculatus</i>;</p> <p>(v) waqt il-qluġh, il-pjanti tnaddfu, inżabru u saritilhom spezzjoni fitosanitarja uffiċjali li mill-anqas tkun tikkonsisti minn eżami viżiv dettaljat, b'mod partikolari taz-zkuk u tal-friegħi tal-pjanti biex jiġi kkonfermat li fuqhom m'hemmx <i>Eotetranychus sexmaculatus</i>;</p> <p>(vi) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali, b'mod partikolari taz-zkuk u tal-friegħi tal-pjanti, għall-preżenza tal-<i>Eotetranychus sexmaculatus</i>, u d-daqs tal-kampjun spezzjonat kien biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %;</p> <p>(b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-►<b>M3</b> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 ◀";</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati.</p>

## ▼ M2

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-orijini	Miżuri
<p><i>Acer japonicum</i> Thunberg, <i>Acer palmatum</i> Thunberg u <i>Acer shirasawanum</i> Koidzumi, bl-għeruq mikxufa, inattivi, ħielsa mill-weraq, imlaqqma jew imraħħma, pjanti li għandhom minn sena sa tliet snin għat-tħawwil</p>	<p>ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48 ex 0602 90 50</p>	<p>New Zealand</p>	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-<i>Oemona hirta</i> u mill-<i>Platypus apicalis</i>;</li> <li>(ii) tul ħajjithom, il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li, flimkien mas-siti tal-produzzjoni li huma parti minnu, hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-orijini;</li> <li>(iii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fi żminijiet xierqa sa mill-bidu ta' ċiklu tal-produzzjoni tal-pjanti, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-<i>Oemona hirta</i> u mill-<i>Platypus apicalis</i>; f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-<i>Oemona hirta</i> jew tal-<i>Platypus apicalis</i> fis-sit tal-produzzjoni, saru trattamenti xierqa biex ikun żgurat li l-pesti ma jkunux preżenti;</li> <li>(iv) waqt il-qluġh, il-pjanti tnaddfu u saritilhom spezzjoni uffiċjali biex jiġi kkonfermat li fuqhom m'hemmx <i>Oemona hirta</i> u <i>Platypus apicalis</i>;</li> <li>(v) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Oemona hirta</i> u tal-<i>Platypus apicalis</i>, u d-daqs tal-kampjun spezzjonat kien biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %;</li> </ul> <p>(b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-►M3 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 ◀";</li> <li>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati.</li> </ul>
<p><i>Albizia julibrissin</i> Durazzini, bl-għeruq mikxufa, inattivi, pjanti mlaqqma għat-tħawwil b'dijametru massimu ta' 2,5 cm</p>	<p>ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48</p>	<p>Iżrael</p>	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i> u mill-<i>Fusarium euwallaceae</i>;</li> <li>(ii) tul ħajjithom, il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-orijini. Dik ir-reġistrazzjoni tinkludi s-siti tal-produzzjoni rispettivi fil-post tal-produzzjoni;</li> <li>(iii) il-pjanti jissodisfaw wieħed mir-reqwiziti li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> <li>1. il-pjanti għandhom dijametru iżgħar minn 2 cm fil-bażi taz-zokk</li> </ul> </li> </ul> <p>jew</p>

## ▼ M2

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-orijini	Miżuri
			<p>2. għal mill-anqas sitt xhur qabel l-esportazzjoni, il-pjanti tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i> u sarulu spezzjonijiet uffiċjali fi żminijiet xierqa u nstab ħieles mill-pest, u dan hu kkonfermat mill-inqas b'nases li jiġu kkontrollati mill-inqas kull erba' ġimgħat, inkluż minnufih qabel il-ġarr,</p> <p>jew</p> <p>3. il-pjanti tkabbru f'sit tal-produzzjoni li sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru mill-inqas kull erba' ġimgħat, instab ħieles mill-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i> u mill-<i>Fusarium euwallaceae</i>, u dan jiġi kkonfermat mill-inqas bin-nases għall-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i>; f'każ ta' suspett tal-preżenza ta' xi wieħed miż-żewġ pesti fis-sit tal-produzzjoni, saru trattamenti xierqa kontra l-pesti biex ikun żgurat li l-pesti ma jkunux preżenti; tiġi stabbilita żona ta' 1 km madwar is-sit, li tkun monitorjata fi żminijiet xierqa għall-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i> u għall-<i>Fusarium euwallaceae</i>, u meta xi wieħed miż-żewġ pesti jinstab fuq xi pjanti ospitanti, dawk il-pjanti jenħtieġ jitneħħew minnufih u jinqerdu;</p> <p>(iv) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti b'dijametru ta' 2 cm jew iżjed fil-bażi taz-zokk, saritilhom spezzjoni uffiċjali, b'mod partikolari taz-zokk u tal-friegħi tal-pjanti, għall-preżenza tal-pest, inkluż b'kampjunar distruttiv. Id-daqs tal-kampjun spezzjonat għandu jkun biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %;</p> <p>(b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213";</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni ta':</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— liema rekwiżit tal-punt (a)(iii) f'din l-entrata ġie ssodisfat, u</li> <li>— is-sit(i) tal-produzzjoni reġistrat(i).</li> </ul>

## ▼ M2

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-orijini	Miżuri
<p><i>Albizia julibrissin</i> Durazzini, bl-għeruq mikxufa, inattivi, pjanti mlaqqma għat-tħawwil b'dijametru massimu ta' 2,5 cm</p>	<p>ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48</p>	<p>Iżrael</p>	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-<i>Aonidiella orientalis</i>;</p> <p>(ii) tul ħajjithom, il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-orijini. Dik ir-reġistrazzjoni tinkludi s-siti tal-produzzjoni rispettivi fil-post tal-produzzjoni. Dak il-post tal-produzzjoni jissodisfa wkoll wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:</p> <p>1. għal mill-anqas sitt xhur qabel l-esportazzjoni, il-pjanti tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-<i>Aonidiella orientalis</i> u sarulu spezzjonijiet uffiċjali kull tliet ġimgħat u nstab ħieles mill-pest, inkluż minnufih qabel il-ġarr,</p> <p>jew</p> <p>2. waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru kull tliet ġimgħat sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-<i>Aonidiella orientalis</i>; f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-pest fis-sit tal-produzzjoni, saru trattamenti xierqa kontra l-pest biex ikun żgurat li l-pest ma jkunx preżenti; tiġi stabilita żona ta' 100 m madwar is-sit, li tkun monitorjata fi żminijiet xierqa għall-<i>Aonidiella orientalis</i>, u meta l-pest jinstab fuq xi pjanti, dawk il-pjanti jenħtieġ jitneħħew minnufih u jinqerdu;</p> <p>(iii) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali, b'mod partikolari taz-zkuk u tal-friegħi tal-pjanti, għall-preżenza tal-<i>Aonidiella orientalis</i>. Id-daqs tal-kampjun spezzjonat għandu jkun biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %;</p> <p>(b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213";</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni ta':</p> <p>— liema rekwiżit tal-punt (a)(ii) f'din l-entrata ġie ssodisfat, u</p> <p>— is-sit(i) tal-produzzjoni rreġistrat(i).</p>

## ▼ M3

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-oriġini	Miżuri
Il-pjanti għat-tħawwil ta' sena, bl-għerūq mikxufin, inattivi, mingħajr weraq, b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 2 cm, u ta' biċċiet bl-għerūq ta' sena mingħajr weraq ta' pjanti għat-tħawwil b'materjal għat- <i>tkabbir</i> u b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 1 cm tal- <i>Ficus carica</i> L.	ex 0602 20 20 ex 0602 20 80 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48 ex 0602 90 50 ex 0602 90 70	Iżrael	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(i) l-pjanti huma ħielsa mill-<i>Aonidiella orientalis</i>, il-<i>Colletotrichum siamense</i>, l-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i>, l-<i>Hypothenemus leprieuri</i>, l-<i>Icerya aegyptiaca</i>, in-<i>Neocosmospora euwallaceae</i>, in-<i>Neoscytalidium dimidiatum</i>, in-<i>Nipaeococcus viridis</i>, l-<i>Oligonychus mangiferus</i>, il-<i>Phenacoccus solenopsis</i>, il-<i>Plicosepalus acaciae</i>, ir-<i>Retithrips syriacus</i>, ir-<i>Russellaspis pustulans</i>, is-<i>Scirtothrips dorsalis</i> u s-<i>Spodoptera frugiperda</i>;</p> <p>(ii) tul haġġithom, il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li, flimkien mas-siti tal-produzzjoni li huma parti minnu, hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini;</p> <p>(iii) il-pjanti tkabbru matul haġġithom kollha f'sit bi protezzjoni fiżika kontra l-introduzzjoni tal-<i>Aonidiella orientalis</i>, l-<i>Icerya aegyptiaca</i>, in-<i>Nipaeococcus viridis</i>, l-<i>Oligonychus mangiferus</i>, il-<i>Phenacoccus solenopsis</i>, ir-<i>Retithrips syriacus</i> u r-<i>Russellaspis pustulans</i>, li ġie suġġett għal spezzjonijiet uffiċjali kull 45 jum u li nstab ħieles mill-pesti elenkati fil-punt (i); f'każ ta' suspett tal-preżenza ta' kwalunkwe pest elenkati fil-punt (i) fis-sit tal-produzzjoni, ikunu saru trattamenti xierqa biex jiġi żgurat li l-pesti ma jkunux preżenti; u</p> <p>(iv) immedjatement qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti kienu soġġetti għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Aonidiella orientalis</i>, l-<i>Icerya aegyptiaca</i>, in-<i>Nipaeococcus viridis</i>, l-<i>Oligonychus mangiferus</i>, il-<i>Phenacoccus solenopsis</i>, il-<i>Plicosepalus acaciae</i>, ir-<i>Retithrips syriacus</i> u r-<i>Russellaspis pustulans</i>, b'tali daqs tal-kampjun li jkun jippermetti s-sejben ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 %, u spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Colletotrichum siamense</i> u tan-<i>Neoscytalidium dimidiatum</i> inkluż kampjunar u ttestjar aleatorju tal-pjanti;</p> <p>(b) taħt l-intestatura Dikjarazzjoni Addizzjonali, iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti għandhom jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213";</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-sit(i) tal-produzzjoni rreġistrat(i).</p>

## ▼ M5

<i>Jasminum polyanthum</i> Franchet, biċċiet mingħajr għerūq ta' pjanti għat-tħawwil	ex 0602 10 90	Iżrael	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(i) il-pjanti huma ħielsa minn <i>Aonidiella orientalis</i>, <i>Milviscutulus mangiferae</i>, <i>Paracoccus marginatus</i>, <i>Pulvinaria psidii</i> u <i>Colletotrichum siamense</i>;</p> <p>(ii) tul haġġithom, il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li, flimkien mas-siti tal-produzzjoni li huma parti minnu, hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini;</p>
--	---------------	--------	--

## ▼ M5

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-orijini	Miżuri
			<p>(iii) il-pjanti tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika kontra l-introduzzjoni ta' <i>Aonidiella orientalis</i>, <i>Milviscutulus mangiferae</i>, <i>Paracoccus marginatus</i>, u <i>Pulvinaria psidii</i>;</p> <p>(iv) is-sit tal-produzzjoni sarulu spezzjonijiet uffiċjali għall-preżenza ta' <i>Aonidiella orientalis</i>, <i>Milviscutulus mangiferae</i>, <i>Paracoccus marginatus</i>, <i>Pulvinaria psidii</i>, u <i>Colletotrichum siamense</i> kull tliet ġimgħat u nstab ħieles minn dawk il-pesti;</p> <p>(v) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza ta' <i>Aonidiella orientalis</i>, <i>Milviscutulus mangiferae</i>, <i>Paracoccus marginatus</i>, u <i>Pulvinaria psidii</i>, u d-daqs tal-kampjun spezzjonat kien biżżejjed biex jippermetti d-detezzjoni ta' mill-inqas livell ta' 1 % ta' infestazzjoni b'livell ta' fiduċja ta' 99 %; u saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza ta' <i>Colletotrichum siamense</i>, inkluż bl-ittestjar tal-pjanti sintomatiċi;</p> <p>(b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213"; kif ukoll</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati.</p>
<p><i>Jasminum polyanthum</i> Franchet, biċċiet mingħajr għeruq ta' pjanti għat-tħawwil</p>	<p>ex 0602 10 90</p>	<p>L-Uganda</p>	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(i) il-pjanti huma ħielsa minn <i>Coccus viridis</i>, <i>Pulvinaria psidii</i> u <i>Selenaspidus articulatus</i>;</p> <p>(ii) il-pjanti tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika kontra l-introduzzjoni ta' <i>Coccus viridis</i>, <i>Pulvinaria psidii</i> u <i>Selenaspidus articulatus</i>;</p> <p>(iii) is-sit tal-produzzjoni ġie soġġett għal spezzjoni uffiċjali mill-inqas darba fix-xahar għall-preżenza ta' <i>Coccus viridis</i>, <i>Pulvinaria psidii</i> u <i>Selenaspidus articulatus</i>, u nstab ħieles minn dawk il-pesti;</p> <p>(iv) immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza ta' <i>Coccus viridis</i>, <i>Pulvinaria psidii</i> u <i>Selenaspidus articulatus</i>, b'daqs tal-kampjun li jkun jippermetti d-detezzjoni ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' fiduċja ta' 99 % għal kull pest;</p> <p>(b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213"; kif ukoll</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati.</p>



## ▼ M2

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-orijini	Miżuri
▼ M4  Pjanti għat-tħawwil ta' <i>Juglans regia</i> L, ta' mhux aktar minn sentejn bl-għeruq mikxufin, mingħajr weraq u b'dijametru massimu ta' 2 cm fil-bażi taz-zokk.	ex 0602 20 20	It-Turkija	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) il-pjanti huma ħielsa minn <i>Euzophera semifuneralis</i>, <i>Garella musculana</i> u <i>Lasiodiplodia pseudotheobromae</i>;</li> <li>(ii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fiż-żminijiet xierqa, mill-bidu taċ-ċiklu sħiħ tal-produzzjoni, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-<i>Euzophera semifuneralis</i> mill-<i>Garella musculana</i> u mill-<i>Lasiodiplodia pseudotheobromae</i>;</li> <li>(iii) twaqqfet sistema biex tiżgura li, qabel ma jiddaħħlu f'kull sit tal-produzzjoni, l-għodod tat-tilqim u taż-żbir ikunu ġew diżinfettati biex jinħelsu mil-<i>Lasiodiplodia pseudotheobromae</i> u li l-pjanti mlaqqma jew miżbura jkun sarilhom trattament xieraq biex jiġi evitat id-dħul tal-<i>Lasiodiplodia pseudotheobromae</i> permezz tal-qatgħat; u</li> <li>(iv) immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Euzophera semifuneralis</i> u tal-<i>Garella musculana</i>, b'mod partikolari fiz-zkuk u fil-friegħi tal-pjanti, b'tali daqs tal-kampjun li jkun jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 %, u spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Lasiodiplodia pseudotheobromae</i>, inkluż kampjunar u ttestjar aleatorju tal-pjanti;</li> </ul> (b) Taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu: <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213;</li> <li>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati."</li> </ul>
Pjanti għat-tħawwil ta' <i>Nerium oleander</i> L., ta' mhux aktar minn erba' snin.	ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 47 ex 0602 90 70 ex 0602 90 91	It-Turkija	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: <ul style="list-style-type: none"> <li>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-<i>Phenacoccus solenopsis</i>;</li> <li>(ii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fiż-żminijiet xierqa, mill-bidu taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-pjanti, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-<i>Phenacoccus solenopsis</i>; u</li> <li>(iii) immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Phenacoccus solenopsis</i>, b'tali daqs tal-kampjun li jkun jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 %;</li> </ul>

## ▼ M4

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-orijini	Miżuri
			<p>(b) taħt l-intestatura “Dikjarazzjoni Addizzjonali”, iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti għandhom jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: “Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1213”;</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati</p>

## ▼ M3

<p>Pjanti għat-tħawwil mlaqqma, bl-għeruq, bil-weraq, b’materjal għat-tkabbir u b’dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta’ 1 cm tal-<i>Persea americana</i> Mill.</p>	<p>ex 0602 90 41</p> <p>ex 0602 90 45</p> <p>ex 0602 90 48</p> <p>ex 0602 90 50</p>	<p>Iżrael</p>	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-<i>Aonidiella orientalis</i>, l-<i>Aulacaspis tubercularis</i>, l-<i>Avocado sunblotch viroid</i>, il-<i>Bemisia tabaci</i>, il-<i>Colletotrichum aenigma</i>, il-<i>Colletotrichum alienum</i>, il-<i>Colletotrichum fructicola</i>, il-<i>Colletotrichum perseae</i>, il-<i>Colletotrichum siamense</i>, il-<i>Colletotrichum theobromicola</i>, l-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i>, l-<i>Icerya aegyptiaca</i>, il-<i>Lasiodiplodia pseudotheobromae</i>, il-<i>Maconellicoccus hirsutus</i>, il-<i>Milviscutulus mangiferae</i>, in-<i>Neocosmospora euwallaceae</i>, in-<i>Neoscytalidium dimidiatum</i>, in-<i>Nipaeococcus viridis</i>, l-<i>Oligonychus perseae</i>, il-<i>Paracoccus marginatus</i>, il-<i>Penthimiola bella</i>, il-<i>Pseudococcus cryptus</i>, il-<i>Pulvinaria psidii</i>, ir-<i>Retithrips syriacus</i>, is-<i>Scirtothrips dorsalis</i> u t-<i>Tetraleurodes perseae</i>;</p> <p>(ii) tul ħajjithom, il-pjanti tkabbru dejjem f’post tal-produzzjoni li, flimkien mas-siti tal-produzzjoni li huma parti minnu, hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-orijini;</p> <p>(iii) il-pjanti tkabbru matul ħajjithom kollha f’sit bi protezzjoni fiżika kontra l-introduzzjoni tal-<i>Aonidiella orientalis</i>, l-<i>Aulacaspis tubercularis</i>, l-<i>Icerya aegyptiaca</i>, il-<i>Maconellicoccus hirsutus</i>, il-<i>Milviscutulus mangiferae</i>, in-<i>Nipaeococcus viridis</i>, l-<i>Oligonychus perseae</i>, il-<i>Paracoccus marginatus</i>, il-<i>Penthimiola bella</i>, il-<i>Pseudococcus cryptus</i>, il-<i>Pulvinaria psidii</i>, ir-<i>Retithrips syriacus</i> u t-<i>Tetraleurodes perseae</i>, li ġie suġġett għal spezzjonijiet uffiċjali kull 45 jum u li nstab ħieles mill-pesti elenkati fil-punt (i); f’każ ta’ suspett tal-preżenza ta’ kwalunkwe pest elenkat fil-punt (i) fis-sit tal-produzzjoni, ikunu saru trattamenti xierqa biex jiġi żgurat li l-pest ma jkunx preżenti; u</p> <p>(iv) immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti ġew soġġetti għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Aonidiella orientalis</i>, l-<i>Aulacaspis tubercularis</i>, l-<i>Icerya aegyptiaca</i>, il-<i>Maconellicoccus hirsutus</i>, il-<i>Milviscutulus mangiferae</i>, in-<i>Nipaeococcus viridis</i>, l-<i>Oligonychus perseae</i>, il-<i>Paracoccus marginatus</i>, il-<i>Penthimiola bella</i>, il-<i>Pseudococcus cryptus</i>, il-<i>Pulvinaria psidii</i>, ir-<i>Retithrips syriacus</i> u t-<i>Tetraleurodes perseae</i>, b’tali daqs tal-kampjun li jippermetti s-sejbien ta’ mill-inqas livell ta’ infestazzjoni ta’ 1 % b’livell ta’ kunfidenza ta’ 99 % u għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Avocado sunblotch viroid</i>, il-<i>Colletotrichum aenigma</i>, il-<i>Colletotrichum alienum</i>, il-<i>Colletotrichum fructicola</i>, il-<i>Colletotrichum perseae</i>, il-<i>Colletotrichum siamense</i>, il-<i>Colletotrichum theobromicola</i>, il-<i>Lasiodiplodia pseudotheobromae</i>, in-<i>Neoscytalidium dimidiatum</i> inkluż il-kampjunar u l-ittestjar aleatorju tal-pjanti;</p>
--	---	---------------	---

## ▼ M3

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-oriġini	Miżuri
			<p>(b) taħt l-intestatura “Dikjarazzjoni Addizzjonali”, iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti għandhom jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: “Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213”;</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-sit(i) tal-produzzjoni rreġistrat(i).</p>
<p><i>Persea americana</i> Mill., biċċiet mingħajr għeruq ta’ pjanti għat-tħawwil b’dijametru massimu ta’ 2 cm</p>	<p>ex 0602 10 90</p>	<p>Iżrael</p>	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(i) l-pjanti huma ħielsa mill-<i>Aonidiella orientalis</i>, l-<i>Aulacaspis tubercularis</i>, l-<i>Avocado sunblotch viroid</i>, il-<i>Colletotrichum aenigma</i>, il-<i>Colletotrichum alienum</i>, il-<i>Colletotrichum fructicola</i>, l-<i>Colletotrichum perseae</i>, il-<i>Colletotrichum siamense</i>, il-<i>Colletotrichum theobromicola</i>, l-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i>, l-<i>Icerya aegyptiaca</i>, il-<i>Lasiodiplodia pseudotheobromae</i>, il-<i>Maconellicoccus hirsutus</i>, l-<i>Milviscutulus mangiferae</i>, in-<i>Neocosmospora euwallaceae</i>, in-<i>Neoscytalidium dimidiatum</i>, in-<i>Nipaecoccus viridis</i>, l-<i>Oligonychus perseae</i>, il-<i>Paracoccus marginatus</i>, il-<i>Pseudococcus cryptus</i>, il-<i>Pulvinaria psidii</i>, ir-<i>Retithrips syriacus</i> u s-<i>Scirtothrips dorsalis</i>;</p> <p>(ii) tul haġġithom, il-pjanti tkabbru dejjem f’post tal-produzzjoni li, flimkien mas-siti tal-produzzjoni li huma parti minnu, hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini;</p> <p>(iii) il-pjanti tkabbru matul haġġithom kollha f’sit bi protezzjoni fiżika kontra l-introduzzjoni tal-<i>Aonidiella orientalis</i>, l-<i>Aulacaspis tubercularis</i>, l-<i>Icerya aegyptiaca</i>, il-<i>Maconellicoccus hirsutus</i>, il-<i>Milviscutulus mangiferae</i>, in-<i>Nipaecoccus viridis</i>, l-<i>Oligonychus perseae</i>, il-<i>Paracoccus marginatus</i>, il-<i>Penthimiola bella</i>, il-<i>Paracoccus marginatus</i>, il-<i>Pseudococcus cryptus</i>, il-<i>Pulvinaria psidii</i> u r-<i>Retithrips syriacus</i>, li ġie suġġett għal spezzjonijiet uffiċjali kull 45 jum u li nstab ħieles mill-pesti elenkati fil-punt (i); f’każ ta’ suspett tal-preżenza ta’ kwalunkwe pest elenkat fil-punt (i) fis-sit tal-produzzjoni, ikunu saru trattamenti xierqa biex jiġi żgurat li l-pesti ma jkunux preżenti; u</p> <p>(iv) immedjatement qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti ġew soġġetti għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Aonidiella orientalis</i>, l-<i>Aulacaspis tubercularis</i>, l-<i>Icerya aegyptiaca</i>, il-<i>Maconellicoccus hirsutus</i>, il-<i>Milviscutulus mangiferae</i>, in-<i>Nipaecoccus viridis</i>, l-<i>Oligonychus perseae</i>, il-<i>Paracoccus marginatus</i>, il-<i>Pseudococcus cryptus</i>, il-<i>Pulvinaria psidii</i> u r-<i>Retithrips syriacus</i>, b’tali daqs tal-kampjun li jippermetti s-sejbi ta’ mill-inqas livell ta’ infestazzjoni ta’ 1 % b’livell ta’ kunfidenza ta’ 99 % u għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Avocado sunblotch viroid</i>, il-<i>Colletotrichum aenigma</i>, il-<i>Colletotrichum alienum</i>, il-<i>Colletotrichum fructicola</i>, il-<i>Colletotrichum perseae</i>, il-<i>Colletotrichum siamense</i>, il-<i>Colletotrichum theobromicola</i>, il-<i>Lasiodiplodia pseudotheobromae</i>, in-<i>Neoscytalidium dimidiatum</i>, inkluż il-kampjunar u l-ittestjar aleatorju tal-pjanti;</p>

▼ M3

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-orijini	Miżuri
			<p>(b) taħt l-intestatura “Dikjarazzjoni Addizzjonali”, iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti għandhom jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: “Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213”;</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-sit(i) tal-produzzjoni reġistrat(i).”.</p>

▼ M2

<p><i>Robinia pseudoacacia</i>, bl-għerq mikxufa, inattivi, pjanti mlaqqma għat-tħawwil b’dijametru massimu ta’ 2,5 cm</p>	<p>ex 0602 90 41 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48</p>	<p>Iżrael</p>	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i> u mill-<i>Fusarium euwallaceae</i>;</p> <p>(ii) tul ħajjithom, il-pjanti tkabbru dejjem f’post tal-produzzjoni li hu reġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-orijini. Dik ir-reġistrazzjoni tinkludi s-siti tal-produzzjoni rispettivi fil-post tal-produzzjoni;</p> <p>(iii) il-pjanti jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>il-pjanti għandhom dijametru iżgħar minn 2 cm fil-bażi taz-zokk  jew</li> <li>għal mill-anqas sitt xhur qabel l-esportazzjoni, il-pjanti tkabbru f’sit bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i> u sarulu spezzjonijiet uffiċjali fi żminijiet xierqa u nstab ħieles mill-pest, u dan hu kkonfermat mill-inqas b’nases li jiġu kkontrollati mill-inqas kull erba’ ġimgħat, inkluż minnufih qabel il-ġarr,  jew</li> <li>il-pjanti tkabbru f’sit tal-produzzjoni li sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru mill-inqas kull erba’ ġimgħat, instab ħieles mill-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i> u mill-<i>Fusarium euwallaceae</i>, u dan jiġi kkonfermat mill-inqas bin-nases għall-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i>; f’każ ta’ suspett tal-preżenza ta’ xi wieħed miż-żewġ pesti fis-sit tal-produzzjoni, saru trattamenti xierqa kontra l-pesti biex ikun żgurat li l-pesti ma jkunux preżenti; tiġi stabbilita żona ta’ 1 km madwar is-sit, li tkun monitorjata fi żminijiet xierqa għall-<i>Euwallacea fornicatus sensu lato</i> u għall-<i>Fusarium euwallaceae</i>, u meta xi wieħed miż-żewġ pesti jinstab fuq xi pjanti ospitanti, dawk il-pjanti jenħtieġ jitneħħew minnufih u jinqerdu;</li> </ol>
--	--	---------------	--

## ▼ M2

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi tal-oriġini	Miżuri
			<p>(iv) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti b'dijametru ta' 2 cm jew iżjed fil-bażi taz-zokk, saritilhom spezzjoni uffiċjali, b'mod partikolari taz-zokk u tal-friegħi tal-pjanti, għall-preżenza tal-pest, inkluż b'kampjunar distruttiv. Id-daqs tal-kampjun spezzjonat għandu jkun biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %;</p> <p>(b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213";</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni ta':</p> <p>— liema rekwiżit tal-punt (a)(iii) f'din l-entrata ġie ssodisfat, u</p> <p>— is-sit(i) tal-produzzjoni rreġistrat(i).</p>

## ▼ M4

Pjanti għat-tħawwil ta' <i>Robinia pseudoacacia</i> L. ta' mhux aktar minn seba' snin u b'dijametru massimu ta' 25 cm.	<p>ex 0602 90 41</p> <p>ex 0602 90 45</p> <p>ex 0602 90 46</p> <p>ex 0602 90 48</p>	It-Turkija	<p>(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:</p> <p>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-<i>Pochazia shantungensis</i>;</p> <p>(ii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fi żminijiet xierqa, mill-bidu taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-pjanti, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-<i>Pochazia shantungensis</i>; u</p> <p>(iii) immedjatement qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-<i>Pochazia shantungensis</i>, b'tali daqs tal-kampjun li jkun jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 % għal kull pest;</p> <p>(b) Taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti għandhom jinkludu:</p> <p>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213";</p> <p>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati.</p>
--	---	------------	---